# Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta' Awwissu

| | |
|---|---|
| It-Tnejn, 1 t'Awwissu | **Tifkira ta' San Alfons Marija de' Liguori, isqof u duttur tal-Knisja** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| Il-Ħamis, 4 t'Awwissu | **Tifkira ta' San Ġwann Marija Vianney, presbiteru** - Quddies: 6.45 am, 8.30 am u fis-6.15 pm |
| Is-Sibt, 6 t'Awwissu | **Festa tat-Transfigurazzjoni tal-Mulej** – Quddies 6.45 am, 8.30 am, 6.00 pm u 7.45 pm |
| Il-Ħadd, 7 t'Awwissu | **Id-19 –il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena** - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| It-Tnejn, 8 t'Awwissu | **Tifkira ta' San Duminku, presbiteru** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| It-Tlieta, 9 t'Awwissu | **Festa ta' Sta Tereża tas-Salib, verġni u martri, Patruna tal-Ewropa** - Quddies: 6.45am u 6.15 pm |
| L-Erbgħa, 10 t'Awwissu | **Festa ta' San Lawrenz, djaknu u martri** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| Il-Ħamis, 11 t'Awwissu | **Tifkira ta' Santa Kjara, verġni** - Quddies: 6.45 am, 8.30 am u 6.15 pm |
| Is-Sibt, 13 t'Awwissu | Quddies 6.45 am, 8.30 am, 6.00 pm u 7.45 pm |
| Il-Ħadd, 14 t'Awwissu | **L-20 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena** - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15 am u fis-6.00 pm |
| It-Tnejn, 15 t'Awwissu | **Solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Mtella' s-Sema (Festa Kmandata)** - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15 am u 6.00 pm |
| Is-Sibt, 20 t'Awwissu | **Tifkira ta' San Bernard, abbati u duttur tal-Knisja** - Quddies: 6.45 am, 8.30am u 6.00 pm, 7.45 pm |
| Il-Ħadd, 21 t'Awwissu | **Il-21 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena** - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| It-Tnejn, 22 t'Awwissu | **Tifkira tal-Imqaddsa Verġni Marija Reġina** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| L-Erbgħa, 24 t'Awwissu | **Festa ta' San Bartilmew, appostlu** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |
| Is-Sibt, 27 t'Awwissu | **Tifkira ta' Santa Monika** - Quddies: 6.45 am, 8.30am u fis-6.00 pm, 7.45 pm |
| Il-Ħadd, 28 t'Awwissu | **It-22 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena** - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15am u 6.00pm |
| It-Tnejn, 29 t'Awwissu | **Tifkira tal-Martirju ta' San Ġwanni l-Battista** - Quddies: 6.45 am u 6.15 pm |

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302

**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
***Familja Mqaddsa***
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

AWWISSU 2022
**ĦARĠA 221**

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

## Jikteb il-Kappillan: **80 Sena mill-Konvoj ta' Santa Marija**

Kien eżatt tmenin sena ilu li fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinija seħħet b'suċċess Operation Pedestal jew il-Convoy ta' Santa Marija.

Malta u Għawdex tagħna kienu bbumbardjati b'mod qalil mill-forzi tal-għadu u kien hemm periklu kbir u realistiku li missirijietna jmutu bil-ġuħ. Mhux ta' b'xejn li l-Gvern ta' Londra ta lil gżejjer tagħna il-George Cross 'For Gallantry'!

Fix-xelters, in-nanniet u l-bużnanniet tagħna talbu bil-qalb it-talba tar-Rużarju lejl u nhar. Mbagħad nhar Santa Marija, il-15 t'Awwissu 1942, qalb xita ta' bombi daħal, mirakolużament, vapur wieħed li bl-ikel ta' fuqu salvahom mill-ġuħ u l-mewt.

Ir-Rużarju fil-gżejer tagħna m'għadux popolari llum bħal ma kien dari. Imma missirijietna kellhom għerf u għaqal kbir li jitolbu l-interċessjoni ta' Marija, ħamsin darba kuljum ħalli 'titlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna'.

It-talba tal-Isqof Taljan Don Tonino Bello (1935 – 1993), u li qed tiġi studjata ħajtu ħalli jiġi xi darba ddikjarat qaddis, taf tgħinna f'dan iż-żmien:

Santa Marija,
Mara tal-aħħar siegħa ta' ħajjitna, ħejjina għall-vjaġġ il-kbir.
Għinna nitilqu r-riedni bla biża'.
Ħaffef int stess il-kontrolli tal-passaport tagħna.
Jekk ikun hemm l-awtoriżżażżjoni tiegħek, m'għandniex iżjed minn xiex nibżgħu fuq il-fruntiera.

Għinna nagħmlu l-kontijiet, bis-sinjali ta' ndiema u bit-talba tal-maħfra, tal-aħħar pendenzi tal-amnestija, li hu jqassam b'ġenerożita' kbira u għniena regali.
F'kelma waħda, poġġilna l-karti f'posthom, biex meta naslu fil-bieb tal-ġenna, dan jinfetaħ beraħ quddiemna malli nħabbtu.
Ammen.

B'kull sliem u barka
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## LITURĠIJA TAL-KELMA GĦAT-TFAL

Kull nhar ta' Ħadd, waqt il-quddiesa tal-11.15 am qed tiġi ċċelebrata Liturġija tal-Kelma għat-tfal fis-Sala Parrokkjali. It-tfal kollha huma mistednin. Fit-Tieni Ħadd tax-xahar tanima l-quddiesa tal-11.15 am il-Kummissjoni Tfal tal-Parroċċa tagħna.

**KATEKIŻMU GĦAT-TFAL** Il-Katekiżmu għat-tfal jekk Alla jrid ser jibda' t-Tnejn 3 t'Ottubru 2022. Dawk il-ġenituri li għadhom m'applikawx għal tfal ġodda minn snin 1 sa 7 tal-iskola biex jibdew din is-sena, iż-żewġ ġenituri mistiedna jiġu l-uffiċċju parrokkjali jew is-Sibt is-7.15 am u l-10.00 am.
Il-ġenituri tat-tfal li kienu jattendu għal kors tal-Katekiżmu tat-tfal hawnhekk fi snin l-imgħoddija u jixtiequ li wliedhom ikomplu dan il-kors hawnhekk, għandhom jidħlu fil-link li ntbagħtetlilhom bl-email u jimlewha kemm jista jkun malajr. Grazzi.

## KIENET ILHA TINĦASS IL-ĦTIEĠA LI...

**L-estern kollu tal-kumpless tal-Knisja, Ċentru Parrokkjali, u Dar Parrokkjali isirilhom xogħol ta' tikħil, unvjar fuq il-fil, jingħata l-ispirtu jew żebgħa ħalli jitwaqqaf kull periklu li jidħol l-ilma.**
Dan ix-xogħol ta' manutenzjoni beda' s-Sajf li għadda (2021) u issa qed jitkompla f'dawn ix-xhur sħan tas-Sajf meta l-ġebla tkun nixfet sewwa. Qed isir ukoll xogħol ta' żebgħa fuq il-ħadid l-iswed kollu tat-twieqi u tad-dawra tal-Knisja, Ċentru u Dar. Inżebgħat id-daħla tal-Knisja u qed nippjanaw ukoll li jinżebgħu iż-żewġ btieħi nterni bit-tikħil u xogħol ieħor li jirrikjedu.

**F'dinja dejjem tiżviluppa malajr tat-teknoloġija tal-informatika, l-infrastruttura tal-IT tal-Knisja u Ċentru Parrokkjali tinbidel minn waħda relattivament żgħira għal waħda li tiflaħ aktar għall-ħtiġijiet tal-lum.** Dan per eżempju bħal ma ssib illum fl-iskejjel tagħna.
Proġett bħal dan sar possibbli aktar meta issa fl-Iklin għandna l-possibilta tal-fibre optic network. F'dawn ix-xhur tas-Sajf bdew jitqegħdu aktar minn sitt kilometri ta' cable ħalli f'kull kamra jkun hemm coverage tal-internet b'saħħitha, jiġifieri għaxar darbiet ta' dik li hemm bħalissa. In-numru ta' security cameras ħa jiżdied drastikament. Ser jitqiegħed firewall għas-security tas-sistema tal-internet u ser ikun possibbli li waqt li katekista tniżżel xi filmat jew materjal ieħor mill-internet, dan ma jwaqqafx lill-katekisti l-oħra milli jagħmlu l-istess.

**Nirringrazzjaw lill-Benefatturi li qed jgħinu biex dawn il-proġetti sostanzjali jitwettqu u nirringrazzjaw lil kull min jissapportja 'l parroċċa bid-donazzjonijiet jew xogħol voluntarju.**

## QUDDIES FIL-WEEKEND TA' SANTA MARIJA 2022 FL-IKLIN

**Is-Sibt, 13 t'Awwissu**
Quddies 6.45 am, 8.30 am, 6.00 pm u 7.45 pm

**Il-Ħadd, 14 t'Awwissu**
L-20 Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15 am u fis-6.00 pm

**It-Tnejn, 15 t'Awwissu**
Solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema (Festa Kmandata) - Quddies: 8.30, 10.00, 11.15 am u 6.00 pm

## STUDJU XJENTIFIKU DWAR L-IKLIN

TIKTEB IS-SINDKU DOTTOR DORIAN SCIBERRAS

Il-Kunsill Lokali tal-Iklin, b'kollaborazzjoni mal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjeta fi ħdan l-Università ta' Malta, ippublikajna studju li l-iskop tiegħu kien dak li jistudja is-soċeta tal-Iklin b'enfazi speċjali fuq l-element soċjali.
Meta ngħid l-element soċjali qiegħed infisser il-bżonnijiet tal-individwi fi ħdan il-lokalità tagħna. Dan għaliex irridu nisimgħu lir-residenti tagħna biex inkunu ta' servizz għar-residenti tagħna.
Huwa għalhekk illi l-bażi tal-istudju kontu intom ir-residenti. Jekk tiftakru, ftit xhur ilu konna qassamna survey bieb bieb u f'liema eżerċizzju kontu ipparteċipajtu fi ħġarkom. Iżda mhux biss, ir-riċerkaturi tal-proġett iltaqgħu b'mod personali ma' ħafna individwi u gruppi fil-lokalità.

**X'KIEN IR-RIŻULTAT TA' DAN L-ISTUDJU?**
Fi ftit kiem dan l-istudju ħa "ritratt" tal-lokalita tagħna ILLUM sabiex jippermettilna naħdmu fuq inizjattivi soċjali li jkunu verament qegħdin jilħqu l-bżonnijiet reali tar-residenti tagħna.
Nista' ngħid li dan l-istudju wera numru ta' aspetti importanti fosthom:
a) Identità: Jinħass il-bżonn ta' tisħiħ fl-identita tagħna bħala komunita Ikliniza. Bħala raħal relattivament ġdid, m' għandnix identita tradizzjonali bħall-irħula ta' madwarna, bħal ngħidu aħna, festi jew kazini. Mill-istudju jidher ċar li ma hemmx xewqa kbira mir-residenti għal dawn l-elementi tradizzjonali. Dan ma jfissirx li ma hemmx għatx u bzonn għal tisħiħ tal-element komunitarju. Huwa importanti li wieħed iħossu "at home" fir-raħal tiegħu.
b) Aspettativi għal ħajja aħjar: L-istudju juri b'mod ċar illi r-residenti tagħna għandhom viżjoni ċara għal lokalita tagħna u għal futur tagħna. Meta mistoqsijin x'jixtiequ jaraw fil-lokalita, il-maġġoranza kbira tal-parteċipanti esprimew ix-xewqa għal iktar siġar u xtieli kif ukoll għal iktar spazji miftuħa.
Dan kollu joffri ħafna opportunitajiet għalina sabiex nimxu flimkien bħala lokalita. Fil-jiem li ġejjin sejra tiġi ffurmata task force magħmula minn residenti sabiex nibdew natwaw dan l-istudju fil-prattika.
Intom parteċipi fit-tigdid tal-ħidma komunitarja tagħna: Iklin Community Project
Min jixtieq kopja tal-istudju sħiħ huwa mitlub ikellem lili, lil xi ħadd mill-kunsillieri jew l-istaff tal-kunsill.